**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa it-23 ta' Ottubru 2024**

Talba Numru: 10/2024CC

**Anthony B. Cassar (ID 117072M) eżerċitanti il-kummerċ**
**Bħala ABC Print**

**Vs**

**Thebes Holdings Limited (C 48972)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-19 ta' Jannar 2024, fejn l-attur taab li l-konvenuta tiġi kkundannata li tħallsu s-somma ta' elfejn, sitt mija u ħamsa u ħamsin ewro (€2,655.00c) rappreżentanti rifużjoni sħiħa tal-prezz mħallas mill-Attur għall-print head li hu xtara mingħand is-soċjeta' konvenuta, liema print-head kienet waħda difettuża u li sussegwentament is-soċjeta' konvenuta ħadet fil-pussess tagħha sabiex tibdilha iżda naqset milli tagħmel dan.

L-Attriċi talbet ukoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, u l-imgħaxijiet legali.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviż.

Ra li minkejja li l-kovenut ġie debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proċeduri, il-konvenut naqas milli jippreżenta risposta fit-terminu preskritt mil-liġi.

Ra ir-rikors tal-konvenuta fejn talbet lit-Tribunal sabiex l-istess konvenuta titħalla tintavola r-risposta tagħha fl-atti tal-kawża odjerna anke jekk tardiva.

Ra li t-Tribunal ċaħad it-talba tal-konvenuta, u l-istess konvenuta ġiet dikjarata fi stat ta' kontumaċja.

Ra li fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2024, l-attur ddikjara li ma għandux iktar provi xi jressaq u konsegwentament iddikjara il-provi tiegħu bħala magħluqa.

Ra u sema' it-trattazzjoni finali tal-attur.

Ra li minkejja li t-Tribunal ta' l-fakulta lil konvenuta sabiex sa mhux aktar tard mill-20 ta' Ġunju 2024 tippreżenta in-nota ta' sottomissjoni tagħha, il-konvenuta għażlet li ma tintavola l-ebda nota ta' sottomissjoni.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa'.

Ra u sema' x-xhieda.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**<u>Jikkunsidra.</u>**

Fis-sentenza **G.M.F Precast Limited vs Franmar Limited** deċiża mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fl-14 ta' Lulju 2022 ingħad li:

*"Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din lahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fid-duttrina forensi nsibu ritenut illi, "la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto" (SALVATORE LA ROSA, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p. 175). Mil-lat ta' gurisprudenza domestika, wiehed huwa mistieden jara in re* ***Giuseppe Gerada v. Salvu Attard*** *(Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959); id-decizjoni riportata f'Kollez. Vol XXIX-III-35; il-kawza in re* ***Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et*** *(Prim'Awla, 16 ta' Novembru, 2010); id-decizjoni in re* ***Carmela Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici*** *(Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata); u in re* ***Awtoritá Ghat-Trasport F'Malta v. Abdi Khadar Qaasim*** *(Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2017; mhux appellata) li fiha insenjamenti ulterjuri dwar dan is-suggett. Ghalhekk, il-posizzjoni guridika tal-parti mharrka f'dan il-procediment hi meqjusa bhala cahda totali u kategorika ta' l-allegazzjonijiet kollha vantati kontriha, li jehtiegu jigu debitament pruvati kif imiss.*

**Jikkunsidra.**

Illi it-Tribunal sejjer jara l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u dan sabiex eventwalment jiġi determinat jekk permezz tal-provi mressqa mill-attur, it-talba ta' l-istess attur għandhiex tiġi milqugħa.

Flimkien mal-Avviż tat-Talba, l-attur ippreżentat diversi dokumenti fosthom fattura maħruġa mill-konvenuta lill-attur fl-ammont ta' elfejn, sitt mija u ħamsin u ħamsin ewro (€2,655.00c), liema ammont tħallas mill-attur lil konvenuta kif ukoll kopja ta' cheque fl-ammont ta' elfejn, sitt mija u ħamsin u ħamsin ewro (€2,655.00c), maħruġ mill-attur lil konvenuta.

L-attur  xehed fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2024 fejn fl-istess xhieda fejn filwaqt li ppreżenta diversi dokumenti sostna li huwa jeżerċita' n-negozju ABC print.

Sostna li fis-sena 2020 huwa kien xtara printer kbir kummerċjali mingħand il-konvenuta. Fl-24 ta' Lulju 2023 dan il-printer żviluppatlu l-ħsara u huwa kien ikkuntatja lil rappreżentanti tas-soċjeta' konvenuta sabiex isiru t-tiswijiet neċessarji tal-printer.

It-technician tal-kumpanija sab li dan il-printer kienet marritlu spare-part. Din l-ispare-part kienet inbidlet u l-kumpanija tħallset l-ammont ta' elfejn, sitt mija u ħamsin u ħamsin ewro (€2,655.00c).

Bl-ispare part installata, l-printer xorta ma kienx qiegħed jaħdem sew u għalhekk l-attur ikkuntattja lir-rappreżentanti tal-kumpanija.

It-tekniku sostna li l-ispare part għandha tiġi biż-żmien, iżda fir-realta' din kompliet tiddeterjora. Il-kumpanija bagħtet lit-tekniku diversi drabi, iżda kien kollu ta' xejn.

Il-partijiet kienu ftehmu sabiex fil-25 ta' Settembru 2023, tekniku tal-kumpanija kellu jibdel il-part minħabba li baqgħet ma taħdimx sewwa, iżda fis-27 ta' Settembru 2023 l-attur irċieva email, liema email ġie preżentat u ġie anness bħala DOK ABC2 (a fol 25), mingħand id-Direttur tal-Kumpanija konvenuta fejn permezz ta' dan l-email l-attur ġie infurmat li l-konvenuta ma kinitx lesta li tibdel il-part.

Għalhekk fis-27 ta' Settembru 2023, l-attur ordna l-part hu personalment minn barra minn Malta u malli din il-part ġiet installata minflok il-part li kienet provduta mill-kovenuta, il-printer beda jaħdem tajjeb.

L-attur informa lid-direttur tal-kumpanija konvenuta b'dan il-fatt u id-direttur tal-kumpanija konvenuta talab lill-attur biex jagħtihom lura l-part li kienu installawlu.

L-attur aċċetta u rappreżentanti tal-kumpanija konvenuta marru jiġbru mingħand l-attur din l-istess part.

Il-printer għadu sa llum l-ġurnata jaħdem tajjeb.

Minkejja li l-kumpanija ġabret il-part li kienet installatlu, l-istess kumpanija baqgħet qatt ma rrifondiet lura l-ammont ta' elfejn, sitt mija u ħamsin u ħamsin ewro (€2,655.00c) lill-attur.

It-Tribunal isostni li t-talba tal-attriċi fil-konfront tal-konvenut tirriżulta kkonfermata kemm mid-dokumenti annessi mal-istess avviż tat-talba u anke mix-xhieda tal-attur Anthony B.Cassar u mid-dokumenti ippreżentati mill-attur waqt ix-xhieda tiegħu.

**Decide**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba ta' l-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex tħallas lill-istess attur s-somma ta' elfejn, sitt mija u ħamsa u ħamsin ewro (€2,655.00c), bl-imgħax legali dekorribbli mis-19 ta' Jannar 2024 sad-data tal-ħlas effettiv u finali.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu unikament mill-konvenuta.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**
**Deputat Reġistratur**